MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Numru 270/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**LOUISE TESTAFERRATA DE NOTO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Louise Testaferrata De Noto ta’ 36 sena, bint Anthony Borg u l-mejta Grace nee’ Psaila, imwielda Hat-Attard fit-3 ta’ Lulju, 1972 u toqghod fil-fond imsejjah: ’St. Joseph’, Triq Santa Marija, Haz-Zabbar u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru: 0305272(M)

Billi giet akkuzata talli fil-pjazza Antoine De Paule, gewwa Rahal Gdid nhar it-22 ta’ Lulju, 2007, ghall-habta tal-10.45

ta' filghodu, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat il-mewt ta' George Attard minn Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-artiklu 225 Tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta ill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 19 ta' Novembru, 2010 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' PS 100 Terence Azzopardi li fis-Seduta tas-16 ta' Frar, 2010, qal:
"Nghid illi fit-22 ta' Lulju tas-sena 2007 jiena dakinhar kont qieghed detailed sabiex niehu hsieb ikun hemm clearance fil-Pjazza ta' Rahal Gdid ghaliex kien hemm dakinhar il-marc tat-Tedeum. Inzilt nghid li ghal habta tad-disgha ta' filghodu jiena kont mort biex naghmel it-tabelli flimkien ma' xi kuntistabblijiet ohra u wahda mit-tabelli poggejniha quddiem il-Knisja ta' Rahal Gdid. Ghal habta tal-hdax neqes kwart ta' filghodu l-banda kienet hierga minn fuq iz-Zuntier ghal gewwa l-Pjazza. Dak il-hin giet is-Sinjura Louise Testaferrata De Noto li qed naghrafha bhala l-imputata prezenti fl-Awla u dina giet ma' giex titfal taghha zghar u qaltli biex inehhilha t-tabella biex hi tkun tista' tirriversja. Il-vettura ta' l-imputat kienet ipparkjata wiccha lejn iz-Zuntier tal-Knisja. Jiena nehhejt it-tabella minn wara l-vettura u mort biex inpoggiha quddiem il-vettura. Dak il-hin ezatt nisma' ghajjat tan-nies u kif jien allura dawwart wicci u harist innutajt illi l-imputat bil-karozza taghha wieqfa u nnutajt ukoll li kien hemm ragel mal-art. Dan kien qieghed mal-art wara l-vettura tal-imputata. Nixtieq nghid illi l-imputata ma setghetx tirriversja bis-sahha ghax warajja kien hemm kolonna. Din il-kolonna kienet fil-Pjazza vicin il-vettura tal-imputata.

Nghid illi dak il-hin gie Dr Carl Chircop fuq il-post biex taha l-assistenza lil persuna. Din kienet persuna anzjana ta' sess maskili bl-isem ta' George Attard. Innutajt li in kwantu ghal vettura misjuqa mill-imputata din ma kellha l-ebda hsarat. Nghid illi dana George Attard l-anzjan li kien qieghed mal-art ma felahx jitkellem. Nghid illi l-marc kien qieghed johrog miz-Zuntier tal-Knisja ghal barra. Nghid meta l-imputata lili kienet talbitni biex inehhi t-tabella halli tkun tista' tirriversja l-marc kien ghadu hiereg minn fuq iz-Zuntier tal-Knisja ghal barra. Nghid fiz-zona fejn sehh l-incident kien hemm hafna nies prezenti. Jiena kont qieghed bhala duty impenjat mal-marc. Nixtieq nghid illi l-ghajdut tan-nies li kien hemm prezenti li smajthom jien jghidu kien li l-anzjan lil imputat kien qasmilha." (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud in kontro ezami fl-istess Seduta jghid:

"Nikkonferma li lili l-imputata kienet giet talbitni biex innehhilha t-tabella minn wara l-vettura taghha biex din tkun tista' tirriversja. Jien imbaghad it-tabella kont qbadtha biex inpoggiha quddiem il-vettura. Prattikament dan ifisser li jiena kemm dort mal-vettura. Jiena l-hin kollu allura kont qieghed wicci lejn iz-Zuntier b'dahri lejn fejn sehh l-incident. Niddikjara li naqbel li hemmhekk hemm bankina wiesa' hafna. Nghid illi jiena kont qieghed bl-uniformi u t-tabella nehhejta minn wara l-vettura biex il-vettura tkun tista' tirriversja. Nghid illi l-karozza ma kellha l-ebda marki. Nghid l-imputata lili kienet talbitni biex innehhilha t-tabella, ma kinitx talbitni biex naralha tirriversja." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni tal-imputata Louise Testaferrata De Noto li fis-Seduta tal-20 ta' Gunju, 2011, qalet:

"Nghid illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) jiena kont qieghda nsuq Fiat Punto ta' kulur griz bin-numru tar-registrazzjoni ABG 512. Nghid illi ghal habta tal-hdax nieqes kwart (10:45) ta' filghodu jiena kont qieghda fi pjazza Antione De Paule gewwa Rahal il-

Gdid kont qieghda quddiem il-knisja. Nixtieq nghid jiena dak inhar kont iparkjajt quddiem il-knisja u kelli l-faccata tal-karozza thares lejn il-faccata tal-knisja u allura bejni u bejn iz-zuntier tal-knisja kien hemm bankina.

Dak inhar gewwa Rahal il-Gdid kien hemm il-festa ta' Kristu Re. X'hin jiena mort biex innehhi l-karozza minn hemm hekk innutajt illi fuq in-naha ta' wara tal-karozza kien hemm tabella tal-pulizija li meta jiena kont ipparkjajt il-vettura din it-tabella ma kienetx qieghda hemm hekk. Nghid illi mbaghad kien hemm Surgent tal-pulizija li jidhirli li kien PS 100 u jiena tlabtu lis-Surgent biex inehhili t-tabella halli jiena nkun nista nsuq. Jiena dhalt go l-karozza kelli zewgt itfal mieghi. Nixtieq nghid illi jiena u nirriversja bdejt inhares lejn nahha u lejn ohra, nnutajt ukoll lis-Surgent kellu t-tabella kien qieghed izommha b'tali mod biex kif jiena nohrog bil-vettura huwa jqieghed it-tabella ma l-art.

Nghid li s-Surgent kien pozizzjonat fil-genb tal-vettura fuq in-nahha tal-passiggier, nghid li kien qieghed fuq in-nahha ta' wara tal-vettura fuq in-nahha tal-passiggier. Nixtieq nghid li jiena ma stajtx nirriversja b'sahti ghaliex ftit distanza warajja kien hemm armar tal-festa. Fil-fatt nghid li kien il-Hadd filghodu dakinhar u kien hemm il-marc. Jiena rriversjajt ftit lura u jiena nghid illi jiena u naghmel din il-procedura tar-reverse harist kemm nahha u kemm ohra u jiena mbaghad kont nirriversja bil-mod. Jiena mbaghad smajt ghajjat tan-nies, imbaghad jien hrigt mill-karozza u nnutajt li kienhemm ragel anzjan kien ma l-art kien qieghed wara l-karozza izjed in-nahha tal-genb tal-karozza fuq in-nahha allura tigi fuq il-genb tax-xufier, pero' ovjement fuq in-nahha ta' wara tal-karozza. Nghid fil-fatt dan qieghed ma l-art wara l-bagoll. Jiena xxukkjajt ruhi, jiena nnutajtu li dana l-anzjan kien qieghed jiccaqlaq u mbaghad nghid li gew ta' l-Ambulanza u qaluli biex nibqa fuq il-post. Jiena f'dak il-hin kont qieghda nsofri minn xokk, jidhirli li mieghi kien hemm pulizija, jien bqajt fuq il-post, imbaghad il-pulizija kien ircieva ordni li jiena stajt immur minn fuq il-post u jiena tlaqt. Nghid illi jiena dakinhar ma kontx xrobt l-ebda alcohol." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti, u hawn il-Qorti taghmel referenza senjatament ghal dak sottolinjat minnha fil-provi riportati f'din is-Sentenza, ma tirrizultax htija da parti tal-imputata Louise Testaferrata De Noto ghall-incident mertu ta' din il-kawza u konsegwentement ma tissussistix l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija imputata. Il-Qorti jidhrilha li ghal dan l-incident stradali jahti unikament il-vittma George Attard illi pogga ruhu f'sitwazzjoni perikoluza u skabruza billi qabad u beda jimxi minn wara vettura liema vettura kienet qeghda fil-process li tirriversja, b'hekk il-vittma ikkrea *sudden emergency* u spicca biex gie milqut mill-karrozza misjuqa mill-imputata Louise Testaferrata De Noto u dan meta bejn il-vettura tal-imputata u z-Zuntier tal-knisja hemm bankina wiesa' hafna!

Difatti l-Qorti sejra ticcita bran mid-deposizzjoni tal-imputata Louise Testaferra De Noto li fis-Seduta tal-20 ta' Gunju, 2011, *inter alia*, qalet:

"..............................................................................................
............................."

"Nixtieq nghid jiena dak inhar kont iparkjajt quddiem il-knisja u kelli l-faccata tal-karozza thares lejn il-faccata tal-knisja <u>u allura bejni u bejn iz-zuntier tal-knisja kien hemm bankina.</u>" (Sottolinjar tal-Qorti).

Issir ukoll referenza ghall-bran mill-kontro-ezami ta' PS 100 Terence Azzopardi li, in kontro ezami, *inter alia*, qal:

"..............................................................................................
..................................."

"<u>Jiena l-hin kollu kont qieghed wicci lejn iz-Zuntier b'dahri lejn fejn sehh l-incident. Niddikjara li naqbel li hemmhekk hemm bankina wiesa' hafna.</u>" (Sottolinjar tal-Qorti).

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma ssibx lill-imputata Louise Testaferrata De Noto hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u dana stante li tali akkuza ma tirrizultax ippruvata u minnha tilliberha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------